BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 11**

**IT-TIENI SEDUTA**

**IL-ĦAMIS 21 T'OTTUBRU, 2013**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 21 t'Ottubru, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill biex ikompli s-seduta nru 10.

**PREŻENTI (Ħames Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Alison Zerafa Civelli, il-**Viċi-Sindku** Ivan Agius u **l-Kunsilliera** Pablo Cachia Belli, James Cauchi u Noyah Spiteri.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużati: Il-Kunsilliera Alfred Attard u Roderick Mamo.

**AGENDA**

1. Minuti
2. Pagamenti – Settembru 2013
3. Vakanza – Impjieg ta' Skrivan/a fi Skala 15
4. Mozzjonijiet
5. Tender – KLBO 02/2013 – Knis u Tindif ta' Toroq b'uzu ta' materjali u prattici favur l-ambjent
6. Tender – KLBO 03/2013 – Gbir ta' Skart Goff b'mod favur l-ambjent
7. Kwotazzjoni – 'Online Streaming ta' Laqgħat tal-Kunsill'
8. Proposti għal Użu ta' Mħażen tal-Baċir Nru. 1
9. Attivitata – 'Lejl ta' Skiet, Lejl tal-Milied'
10. Party tat-Tfal għall-Milied
11. Kommemorazzjoni – 19 ta' Novembru, 1944 / Jum Bormla 2013
12. Korrispondenza
13. Aġġornament

**TALBA**

**Is-Sindku Alison Zerafa Civelli** qalet it-talba.

**11/01** **Attivita' – Lejl ta' Skiet, Lejl tal-Milied**

Peress li l-Kunsillier Roderick Mamo kien assenti mill-laqgħa, dan l-item ġie mħolli għal-laqgha li jmiss.

11/02 **Kommemorazzjoni 19 ta' Novembru/Jum Bormla 2013**

Wara diskussjoni libera il-Kunsill unanimament approva l-programm tal-attivitajiet ta' Jum Bormla 2013 kif preżentat.

11/03 **Korrispondenza**

11/03/01 Ingaġġ ta' Supervisor ma' V&A Services (05/3570/13)

Il-kunsill ġie nfurmat minn V&A Services li ngaġġa lis-Sur Christian Cassar bħala supervisor biex il-kuntrattur ikun qed jissodisfa ruħu lis-servizz li qed jagħmel, hu ta' sodisfazzjon tar-residenti u l-Kunsill Lokali.

11/03/02 Laqgħa għall-Kunsilliera ta' Malta u Għawdex (05/3573/13)

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali stiednet lill-Kunsilliera kollha ta' Malta u Għawdex biex jattendu għal-laqgħa li se ssir nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru, 2013 fil-Lukanda Dolmen Resort il-Qawra. Il-Kunsill unanimament approva li jkollu rappreżentanza mill-Kunsilliera tiegħu.

11/03/03 Sports Awards 2013 (05/2123/13)

Il-Kunsill Lokali ġie mistieden mill-President tal-Kumitat Olimpiku Malti biex jidħol fl-iskema ta' l-"MOC Local Councils Sports Awards" billi jiddikjara xi attivita' sportiva li għamel matul dik is-sena biex jgħin lill-isports Malti jikber.

Is-Sur Pablo Cachia Belli, bħala Kunsillier inkarigat mill-isports ġie mitlub li jipprepara ittra lill-Kumitat Olimpiku Malti sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis 31 t'Ottubru, 2013.

11/03/04 Ilment dwar mankanza fil-ġbir tal-iskart

Id-Direttur tal-Gvern Lokali talab il-kummenti tal-Kunsill Lokali dwar l-ittra li rċieva mingħand V&A Services dwar l-oġġezzjoni tad-*default notice* tat-3 ta' Settembru, 2013.

Il-Kunsill ikkonferma li diġa iddeċieda fuq din il-kwistjoni u se jibqa jsostni d-deċiżjoni li ħa u jikkonferma li m'hemm l-ebda aġenda moħbija kif ġie allegat għajr il-ġid tal-lokal. Il-Kunsill tenna li jrid jiġi nnutat li minn dakinhar li ġbidna l-attenzjoni lill-kuntrattur, huma mpjegaw *supervisor* biex ikun responsabbli li jissorvelja x-xogħolijiet.

11/03/05 Korsijiet tal-Kompjuter (05/3209/13) (05/3301/13)

Il-Kunsill unanimament irrikonferma li jniedi Korsijiet tal-Kompjuter għar-residenti u jekk hu possibli jsiru f'Bormla fil-Kappella ta' San Ġwann t'Għuxa.

11/03/06 Nazzareno Vassallo Award (05/3477/13)

Il-Kunsill unanimament approva li jgħaddi l-aplikazzjoni li rċevejna mill-Care Malta Group lill-Kunsillier Alfred Attard biex jevalwa u jagħti parir lill-Kunsill jekk għandux japplika għal dan l-Award.

11/03/07 Kontribuzzjoni lill-Cospicua Day Centre (05/3372/13)

Il-Cospicua Day Centre talbu biex il-Kunsill jikkontribwixxi billi jiffinanzja l-kont tat-transport li jsir għall-ħarġiet li jagħmlu. Il-Kunsill unanimament approva li dawn il-ħarġiet għandhom jiġu organizzati mill-Kunsillier inkarigat is-Sur Alfred Attard wara li jirreferi lill-Kunsill qabel ma ssir xi ħarġa lill-anzjani. Dan qed isir biex il-Kunsill ikun konformi mal-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

Fid-7.45pm l-aġenda ġiet kompletament eżawrita u laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 t'Ottubru, 2013 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | Joseph Caruana |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## Gatt Ramona at DLG

**From:** Caruana Joseph at DLG
**Sent:** 29 October 2013 09:40
**To:** Cospicua Local Council at DLG
**Subject:** FW: Laqgha ta' lejla

**From:** Caruana Joseph at DLG
**Sent:** Monday, October 21, 2013 10:34 AM
**To:** Cospicua Local Council at DLG
**Subject:** FW: Laqgha ta' lejla

**From:** roderick mamo [mailto:roderick812@hotmail.com]
**Sent:** Monday, October 21, 2013 8:58 AM
**To:** Caruana Joseph at DLG
**Subject:** Laqgha ta' lejla

Sur, Segretarju

Nixtieq navzak li lejla ma' nistax nattendi l- interview u lanqas il- kumplimet ta' laqgha'

Grazzi hafna

Roderick

a2

05/3876/13/1